Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 71/2010

Transmec Services Limited (C6952)
vs
Carmel sive Charles Pace

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta’ hmistax-il elf sitt mija erbgha u tmenin euro u erbatax-il centezmu (€15,684.14) rapprezentanti prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u konsenjat lill-konvenut, u dana kif jirrizulta mill-i*Statement* (Dok “TS1”) u kif ukoll mill-*Invoices* relattivi prezentati mar-rikors bhala (Dok “TS 2” sa Dok “TS 25”).

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-


Qrati tal-Gustizzja

Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` attrici, il-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat ripetutament sabiex ihallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti u ma hallasx.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' hmistax-il elf sitt mija erbgha u tmenin euro u erbatax-il centezmu (€15,684.14) rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u konsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat b'rabta ma' dawn il-proceduri oltre l-imghaxijiet legali dovuti b'effett mid-data tal-ahhar *invoice* sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Camilleri li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-kumpannija rikorrenti u li hu wiehed mid-diretturi taghha. Semma li s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' €15,684.14 rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u konsenjat lill-intimat, kif irrizulta mill-i*Statement* (Dok TS 1) u mill-*Invoices* relattivi (Dok TS 2 sa Dok TS 25). Qal illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tieghu l-intimat m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont. Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat ripetutament sabiex ihallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti u ma hallasx. Qal li dawn il-fatti huma maghrufa lilu personalment.

F'xhieda ohra tad-9 ta' Lulju 2010, fuq mistoqsija tal-Qorti dwar jekk kienx hemm xi kambjamenti sallum qal li ma saru ebda pagamenti u l-intimat ma ghamel l-ebda hlas.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher illi l-intimat gie regolarment notifikat bir-rikors guramentat u li s-socjeta` rikorrenti ghamlet il-provi taghha in sostenn tar-rikors guramentat li ghalhekk jidher gustifikat.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti; tilqa' t-talba taht il-Kapitolu 12 artikolu 167 *et* u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' hmistax-il elf sitt mija erbgha u tmenin euro u erbatax-il centezmu (€15,684.14) rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u konsenjat lill-intimat.

L-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------